MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 452/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ppreżentat fil-15 ta’ Novembru 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-27 ta’ Novembru 1992 kif jirriżulta miċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok. ‘A’;

2. Illi l-kunsens ta’ l-attur għaż-żwieġ imsemmi nkiseb b’ qerq dwar il-kwalita’ tal-konvenuta li mix-xorta tagħha fixklet serjament il-ħajja miżżewġa kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet għaż-żwieġ imsemmi kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha li, kif ukoll ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, għamlitha mpossibli għall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali għaż-żwieġ;

4. Illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' elementi essenzjali ta' ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;

5. Illi l-konvenuta rabtet il-kunsens tagħha ma' kundizzjoni li tirreferi għall-futur;

6. Illi għalhekk iż-żwieġ bejn il-partijiet kien null u nvalidu skond il-Liġi;

7. Illi r-rikorrent jaf personalment bil-fatti kollha ddikjarati u debitament enumerati.

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn premessi, l-attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-kontendenti ċċelebrat fis-27 ta' Novembru 1992, kien null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi u dan, *ai termini* ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta, b' mod ġenerali, u b'mod speċifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (c), (d), (f) u (g) ta' l-istess Artikolu 9 (1) tal-Kap. 255, u għalhekk tordna li ssir annotazzjoni opportuna fl-Att taż-Żwieġ relattiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni tagħha.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, ippreżentata fis-17 ta' Marzu 2008, li permezz tagħha esponiet:

1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex waqt illi hija taqbel illi għandu jkun hemm dikjarazzjoni ta’ nullita’ taż-żwieġ tagħhom li ġie ċċelebrat fis-27 ta’ Novembru, 1992, dan iż-żwieġ mhuwiex null, imputabbli għall-intimata imma għal raġunijiet imputabbli lill-atturi *stante* illi huwa kien immatur meta huwa ta l-kunsens tiegħu għaż-żwieġ u ma kienx kapaċi d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taż-żwieġ stante li l-kunsens tiegħu kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u għamilha impossibli biex taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, *stante* illi minn dejjem kellu l-ħsieb illi jkun infidil lejn martu tant illi kien daħal f’ relazzjoni ma’ omissis fis-snin bikrin ta’ l-istess żwieġ.

2. Illi *inoltre* b’konsegwenza ta’ dan, il-kunsens ta’ l-intimata ġie miksub bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu *stante* illi l-element essenzjali tal-ħajja miżżewġa hija l-fedelta, *oltre* li jekk *a priori* huwa kellu l-ħsieb li ma jkunx fidil lejn martu, allura f’dak il-każ eskluda ż-żwieġ innifsu li minnu nnifsu ifisser relazzjoni monogama għal ħajtek kollha.

3. Illi l-esponenti qarraq b’martu *stante* li l-kunsens tiegħu kien marbut ma’ l-esklużjoni pozittiva taż-żwieġ innifsu *ossia* ż-żwieġ għandu jkun monogamu u mibni fuq il-fedelta’.

4. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent ġja’ ladarba dan l-annullament huwa tort tar-rikorrent u d-drittijiet u obbliġi kien naxxenti mill-kuntratt ta’ separazzjoni tal-15 ta’ Diċembru, 2003, fl-atti tan-Nutar Dr. Rachael Busuttil senjatament l-Artikolu 14 ta’ l-istess kuntratt, għandhom jibqgħu validi u viġenti bejn il-partijiet fl-eventwalita’ li ż-żwieġ tagħhom jiġi dikjarat null jew xolt minn xi Qorti jew Tribunal kompetenti.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li permezz tagħha esponiet:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fis-27 ta' Novembru, 1992.

2. Illi dan iż-żwieġ għandu jiġi dikjarat null u rexiss *stante* illi l-kunsens ta' l-intimata ġie miksub b'qerq dwar xi kwalita' ta' A li qatt ma ħasbet u / jew stenniet li ftit wara ż-żwieġ tagħhom kien se jkun infidil lejha li fixklet serjament il-ħajja miżżewġa tagħhom.

3. Illi kieku hija kienet taf li A ma kellux ħsieb illi jkun fidil lejha fiż-żwieġ tagħha, hija ma kinetx tagħti l-kunsens tagħha għal dan iż-żwieġ u għalhekk dan iż-żwieġ huwa vvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa minn naħa ta' A tant illi huwa qatt ma kien bi ħsiebu iwettaq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-ħajja miżżewġa li minn natura tiegħu wieħed jippretendi illi għandu jkun monogamu u indissollubli.

4. Illi A kellu anomalija psikoloġika serja li għamilha mpossibli għalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ *stante* illi huwa kien jemmen li ż-żwieġ jibqa' jseħħ sakemm huwa jħossu komdu fl-istess żwieġ.

5. Illi għalhekk A eskluda pożittivament il-kunsens tiegħu għaż-żwieġ innifsu u għalhekk dan iż-żwieġ għandu jiġi dikjarat null u rexiss a tenur tal-Liġi għax ma jikkonkorrux l-elementi essenzjali taż-żwieġ monogamu u indissollubli.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-intimata titlob lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex m' għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti ċelebrat fis-27 ta' Novembru, 1992, huwa null u invalidu

għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(c)(d)(f)(g) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li jibqa' nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' l-attur pprezentata fis-7 ta' April 2008 li permezz tagħha espona:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fis-27 ta' Novembru 1992.

2. Illi kif diġa' kien iddikjarat fir-rikors promotur mir-rikorrent A, dan iż-żwieġ għandu jiġi dikjarat null u nvalidu, u dan *stante* illi l-istess kunsens ta' A inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' u karattru tal-konvenuta B, kif ukoll b'difetti serji ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju dwar il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-dmirijiet u drittijiet essenzjali tagħha minn naħa tal-konvenuta B.

3. Illi kieku kien jaf illi martu cioe' B ma kellix dawn il-kwalitajiet rikjesti u neċessarji għal ħajja miżżewġa, kieku l-attur A ċertament ma kienx jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan iż-żwieġ iseħħ;

4. Illi l-attur qatt ma seta' jkun infidil lejn l-intimata allura eks-martu, kif inhu allegat fir-risposta u kontro-talba tagħha, u dan *stante* illi l-persuna msemmija fl-istess risposta, cioe' Omissis, fiż-żmien meta l-kontendenti żżewġu, kienet għadha studenta l-iskola ta' eta' minuri ta' 14-il sena u għaldaqstant ċertament qatt ma seta' jkun il-każ illi l-attur ikun konoxxenti ma' l-istess persuna kif allegatament indikat il-parti konvenuta.

5. Illi r-rikorrent jiċħad li huwa qatt kellu xi anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibli illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, u inversament, dan kien da parti l-oħra;

6. Illi kienet l-konvenuta illi kif diga' ġie iddikjarat fir-rikors promotur, rabtet il-kunsens tagħha ma' kundizzjoni li kienet tirreferi għall-futur;

7. Illi r-rikorrenti jaqbel illi l-obbliġi kif naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni datat 15 ta' Diċembru 2003 fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil speċifikament fl-artikolu 14 ta' l-istess kuntratt jibqgħu validi u viġenti bejn il-partijiet fl-eventwalita' li ż-żwieġ tagħhom jiġi dikjarat null u invalidu minn Qorti jew Tribunal kompetenti.

8. Illi tenut kont illi r-raġunijiet li jattribwixxu l-eventwali annullament taż-żwieġ bejn il-kontendenti huwa attribwiti a tort ta' l-intimata, l-ispejjeż għandhom jiġu akkordati lill-istess intimata.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attur u tal-ġenituri tiegħu;

Rat l-affidavit tal-konvenuta u ta' ommha;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-partijiet irrinunzjaw li jagħmlu kontro-eżamijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fis-27 ta' Novembru 1992 a bażi ta' l-Artikolu 19(1) (c) (d) (f) (g) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta taqbel għal raġunijiet imputabbli lill-attur u qed tipproponi kontro-talba u iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-*

*istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli ċitati mill-partijiet jirrigwardaw is-sub-inċiżi segwenti;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

19 (1) (g) – il-kunsens kien vizjat peress li marbut ma' kundizzjoni li tirreferi għall-futur;

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta' Jannar, 2006):

*"Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Ta' min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li*

*wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taż-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.*

*Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi ppruvat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita' ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali. "*

Fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995) intqal illi: *"B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ."* F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awissu, 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li: *"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew*

*kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali."*

Ħafna mill-provi mressqa fil-verita' iktar huma idoneji għall-kawża ta' separazzjoni milli waħda ta' annullament madankollu l-Qorti konvinta minn mid-depożizzjonijiet tal-partijiet li hija fis-sens li l-ilmenti tagħhom, u cioe' dik ta' l-attur dejjem ħass ċertu *inferiority complex*, probabbilment indotta mill-istess konvenuta għaliex ma laħaqx il-livell akkademiku ta' ħutu. Id-deskrizzjonijiet tal-konvenuta huma wkoll fattwali biżżejjed biex jitwemmnu. Għalhekk il-konvenuta jmissha rrealiżżat hija wkoll fid-diffikultajiet li kienet se ssib ruħha u għalkemm ħafna min-nuqqasijiet li hija qed tallega fil-konfront tal-konvenut jirriżultaw, fl-istess ħin kien ukoll nuqqas tagħha li xorta daħlet għaż-żwieġ f'dawn iċ-ċirkostanzi. Kwindi għalkemm hemm lok għall-annullament il-Qorti se tieħu dan in konsiderazzjoni meta tiddeċiedi dwar il-kap ta' l-ispejjeż. Il-Qorti ssib li ż-żewġ naħat ma kellhomx id-diskrezzjoni neċessarja biex jersqu għaż-żwieġ.

**Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba attrici u l-kontro-talba u tiddikjara null iż-żwieġ ċelebrat bejn il-partjiet fis-27 ta' Novembru 1992; spejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------